# KUNSILL LOKALI NADUR
# MINUTI

## Laqgħa B'Urgenza tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed u Erbgħin (41)

## It-Tlieta, 1 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' Online fit-3:15pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

41.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

L-Ambaxxata taz-Zgħazagħ kienet skuzata filwaqt li l-Kunsilliera Josef Camilleri u Jean Paul Portelli ma attendewx.

41.2. Inizjattiva Karnival 2022.

Kien hemm qbil li kif ġie diskuss fil-laqgħat ta' qabel ikun hemm screen kbir fil-Pjazza juri filmati tal-Karnival tan-Nadur u jkun hemm ftit tizjien fil-Pjazza. Dan ser ikun bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali. Kien hemm qbil li naraw mal-ghaqdiet hux lesti jaghmlu tizjin u jekk le nakkwistaw armaturi minn rahal iehor. Il-Kunsill ser jarma wkoll maskarati.

Is-Sindku issuġġerixxa li jkun hemm ukoll attivita' fl-area ta' Għajn Qasab ħdejn il-monument tal-Karnival attivita' għat-tfal, il-Ħadd tal-Karnival. Ikun hemm ritratti professjonali, maskarati għat-tfal, xi entertainment u photographic op. Kien hemm qbil li jingħataw xi ħelu ukoll.

Attivita' oħra li ġiet diskussa mis-Sindku kienet li jkun hemm maskarati s-Sibt tal-Karnival f'locations madwar in-Nadur. Il-Kunsillier Joseph Vella issuġġerixxa li jkunu fl-area ta' Ġnien il-Kunsill u Ġnien ta' Kenuna. Il-Ħin ser ikun mill-4pm sas-7pm. Ser tinħareġ sejħa għal residenti minn Nadur li interessati jilbsu ta' maskarat. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camillieri innota li importanti li l-iskop ta' din l-attivita' tkun li jitgawdew l-maskarati ta' kif inhu magħruf in-Nadur għal Karnival.

Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha prezenti fuq dawn l-attivitajiet.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva